# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 9 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 148/2019JPG**

**Kawza Numru : 26**

**CB**

**U**

**KD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt guramentat ta' CB u KD datat 29 ta' Marzu 2019, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewgu nhar 7 ta' Awwissu 2010 fil-Knisja Kollegjata tal-Immakulata Kuncizzjoni Cospicua (vide certifikat taz-zwieg Dok. 'A').*

2. *Illi miz-zwieg taghhom il-komparenti ghandhom wild wiehed, K u cioe' it-tifel li twieled fl-20 ta' Novembru 2006.*

3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat tlettax ta' Marzu 2015 (vide Dok 'B').*

4. *Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment ghal aktar minn 4 snin u ghalhekk huma ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien.*

5. *Illi r-rikorrenti ma jaraw li hemm l-ebda prospett ragonevoli li huma jistghu*

*jirrikonciljaw.*

6. *Illi l-manteniment dovut ghal binhom minuri qieghed jigi mhallas regolarment.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i. *Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejniethom huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.*

ii. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk milll-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CB** xehed a fol 11 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fis-7 t'Awissu 2010 u kienu ottjenew is-separazzjoni personali fit-13 ta' Marzu 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**KD** xehdet a fol 13 *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' CB.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Awwissu 2010, (vide Dok A, a fol 2) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom wild wiehed;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, datat 13 ta' Marzu 2015 (vide Dok.B fol 3 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**